## Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
(Spettur Lydon Zammit
(Spettur Stephen Gulia)
(Spettur Darren Buhagiar)

vs

Rosario Costa

Kumpilazzjoni Numru: 201/2021

Illum, 8 ta' Gunju 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Rosario Costa detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AZ1627014 akkuzat talli:

1. Akkuzawh talli nhar it-2 t'April 2021 ghal habta ta' bejn it-19:45Hrs u 20:15Hrs minn gewwa l-istabbiliment 'Ta' Monita Self Service' li jinsab sitwat gewwa Triq San Luqa, Marsascala ikkommetta serq ta' flus kontanti, ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin li sar ghad-danni ta' Paul Micallef li huwa persuna anzjana ta' 70 sena u/jew ta' xi persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Paul Micallef li huwa persuna anzjana ta' 70 sena kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta'estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikunu mgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjigha.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Paul Micallef li huwa persuna anzjana ta' 70 sena liema hsara hija ta' natura gravi hekk kif iccertifikata minn Dr. Pierre Luc Pace detentur

ta' numru tar-registru mediku 4450 tal-berga tas-sahha, Paola.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

5. U aktar talli fl-istess dati hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mil-Qorti Taljana, liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-

Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih fejn dan ikkonferma l-ammissjoni tieghu sussegwentement fis-seduta tad-19 ta' April 2021;

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' April 2021 l-imputat talab li jithejja *Pre Sentencing Report* minn Ufficjal tal-Probation u dan in vista tal-ammissjoni tieghu;

Semghet ix-xhieda tal-ufficcjal tal-*probation* Maryanne Zammit li hejjiet ir-rapport fuq l-imputat u kkonkludiet is-segwenti:

> *«Rakkomandazzjonijiet*
>
> *Fil-kuntest ta' dawn il-fatti, piena karcerarja hija inevitabbli. Ma' dan ukoll, ic-cirkostanzi jitolbu li Rosario Costa jibda jindirizza l-problema tad-droga b'mod immedjat, minhabba li s-sitwazzjoni dahlet fil-fond.*

*Ghalhekk, huwa rakkomandabbli li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni kontra t-tehid tad-droga.»*

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-istess imputazzjonijiet u stante illi taqbel mal-kostatazzjonijiet kontenuti fir-rapporti tal-ufficjal tal-Probation ser tilqa' r-rakomandazzjonijiet taghha izda sabiex tghinu jirriabilita ruhu mill-vizzju tad-droga malajr kemm jista' jkun ma hijiex ser tapplika l-effetti li johorgu mill-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(a)(b)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 270, 274(b), 275, 276A, 227(b), 257E tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 214, 215, 216(1)(b) u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 6, 51(7), 55(a) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 49, 50, 289, 533, 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Rosario Costa** hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u

tikkundannah ghall-piena ta' hames (5) snin prigunerija effettiva flimkien ma' multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Il-Qorti qed tikkundanna wkoll lill-imputat Rosario Costa a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jhallas l-ispejjez peritali naxxenti mill-inkjesta mertu ta' dawn il-proceduri mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli u ghal dan il-ghan qed tordna notifika lid-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex tikwanifka l-istess spejjez.

______________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**